**A.L. 147 tal-2012**

**ATT DWAR L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)**

**Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tħaffir ta' *Boreholes* u x-Xogħol ta' Tħaffir f'Żona ta' Saturazzjoni**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 28(1) tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, l-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tħaffir ta' *Boreholes* u x-Xogħol ta' Tħaffir f'Żona ta' Saturazzjoni, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar it-Tħaffir ta' *Boreholes* u x-Xogħol ta' Tħaffir f'Żona ta' Saturazzjoni, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". Titolu. L.S. 423.32

**2.** Is-subregolament (2) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

(a) il-paragrafu (d) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) kull *seawell*; u"; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (d) tiegħu għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(e) kull *borehole* li tiġi mħaffra b'sostituzzjoni ta' *borehole* li tkun ikkollassat b'mod irrevokabbli u li kienet ġiet debitament notifikata jew irreġistrata mal-Awtorità bħala sors tal-ilma ta' taħt l-art użat għal finijiet agrikoli taħt ir-Regolamenti tal-1997 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Sorsi tal-Ilma ta' taħt l-Art jew taħt ir-Regolamenti dwar in-Notifika ta' Sorsi tal-Ilma ta' taħt l-Art. A.L. 120 tal-1997. L.S. 423.12

VERŻJONI ELETTRONIKA



Dik il-*borehole* b’sostituzzjoni tal-*borehole* ta’ qabel għandha tiġi mħaffra fl-istess "żona ta’ referenza" (kif imfisser taħt ir-Regolamenti dwar Skema ta’ Ħlas Uniku) tal-*borehole* li tkun ikkollassat b’mod irrevokabbli:

L.S. 146.07

Iżda dik il-*borehole* għanda tiġi ċertifikata bħala li "ikkollassat b’mod irrevokabbli" permezz ta’ dikjarazzjoni iffirmata minn Perit u tiġi ddikjarata bħala li "ikkollassat b’mod irrevokabbli" permezz ta’ dikjarazzjoni taħt ġurament mill-utent tas-sors tal-ilma ta’ taħt l-art li tkun ikkollassat b’mod irrevokabbli.".

**L.N. 147 of 2012**

**MALTA RESOURCES AUTHORITY ACT
(CAP. 423)**

**Borehole Drilling and Excavation Works within the Saturated Zone (Amendment) Regulations, 2012**

IN exercise of the powers conferred by article 28(1) of the Malta Resources Authority Act, the Minister for Resources and Rural Affairs, after consultation with the Malta Resources Authority, has made the following regulations:-

**1.** The title of these regulations is the Borehole Drilling and Excavation Works within the Saturated Zone (Amendment) Regulations, 2012 and these regulations shall be read and construed as one with the Borehole Drilling and Excavation Works within the Saturated Zone Regulations, hereinafter referred to as "the principal regulations". Citation. S.L. 423.32

**2.** Sub-regulation (2) of regulation 6 of the principal regulations shall be amended as follows: Amends regulation 6 of the principal regulations.

(a) paragraph (d) thereof shall be substituted by the following new paragraph:

"any seawell; and"; and

(b) immediately after paragraph (d) thereof, there shall be added the following new paragraph:

"(e) any borehole to be drilled in replacement of an irretrievably collapsed borehole which was duly notified or registered with the Authority as a groundwater source used for agricultural purposes under the Registration of Groundwater Sources Regulations, 1997, or under the Notification of Groundwater Sources Regulations. L.N. 120 of 1997. S.L. 423.12

Such replacement borehole is to be drilled within the same "reference parcel" (as defined under the Single Payment Scheme Regulations) as the irretrievably collapsed borehole: S.L. 146.07

Provided that such borehole shall be certified to be "irretrievably collapsed" by means of a signed declaration of a *Perit* and be declared to be so "irretrievably collapsed" by means of a declaration under oath of the user of the irretrievably collapsed groundwater source.".

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper***

**Prezz/*Price***
**€0.18**